MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Numru. 194/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**MIRIAM CARUANA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Miriam Caruana ta’ 23 sena, bint missier mhux maghruf u Sally Caruana, mwielda Pieta nhar l- 20 ta’ Novembru 1983, residenti fil- fond 22, Triq il- Karmnu, il- Belt Valletta u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 14784(M);

Li giet imressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli:
1) F'dawn il- Gzejjer nhar is- 26 ta' Gunju 2006 ghal habta tas- 2.00am, ikkommettiet serq ta' flus, ghad-detriment ta' Doris Debono, liema serq huwa ikkwalifikat bil- valur liema valur huwa ta' aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 u bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa.
2) Ukoll talli fit- 18 ta' April 2004 u matul il- granet ta' qabel, f'dawn il- Gzejjer, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata, irregistrat ammissjoni f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputati hatja u ghaldaqstant tapplika l- Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta ghal tlett (3) snin. Il-Qorti tordna hlas ta' seba' mija u tlieta u ghoxrin Ewro

(€723) lil Doris Debono ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------